17 ta' Jannar, 1953

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giuseppa Taljana

**Sperġur — Xhieda — Verbal tal-Qorti — Art. 585 Kap. 15 u Art. 461 Kap. 12.**

*Meta tiġi attakata l-kredibbiltà ta' xhud bi provi li f'okkażjonijiet oħra huwa għamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xhieda tiegħu, u meta dawk id-dikjarazzjonijiet ikunu saru bil-miktub, allura, qabel ma ssirlu ebda mistoqsija fuqhom, dawk id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu murija lix-xhud, sabiex ikun jista' jgħid jekk verament għamelx dawk id-dikjarazzjonijiet u jkollu l-opportunità li jispjegahom. L-ommissjoni ta' din il-formalità, li hija preskritta mill-liġi, għandha jkollha l-importanza tagħha.*

*Bejn verbal tal-Qorti meħud f'kawża kriminali privata fis-sens li l-kwerelat "skuża ruħu", u verbal fis-sens li l-kwerelat "jiddispjaċih", hemm differenza mhux meramente ta' kliem. B'mod li jekk l-imputat jixhed li f'kawża preċedenti fejn kien kwerelat huwa ma kienx skuża ruħu, ma jkunx ħa ġurament falz jekk f'dik il-kawża preċedenti huwa kien biss iddikjara li jiddispjaċih mill-inċident.*

*Verbal tal-Qorti għandu ċertament il-forza tiegħu; iżda jista' jkun hemm ċirkustanzi li jivvulnerawh.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-26 ta' Novembru 1952, l-imsemmija Taljana ġiet misjuba ħatja ta' sperġur, u kundannata għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien disa' xhur u għall-interdizzjoni ġenerali, skond il-liġi, għal żmien ħames snin:

**Trattat** l-appell ta' l-imputata minn din is-sentenza, din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi, u wara li semghet id-diskussjoni, irriflettiet;

L-imputazzjoni hija fis-sens li fl-okkażjoni tal-kawża kriminali riferita fl-atti, deċiża fit-22 ta' Awissu 1952, l-appellanti odjerna qalet b'gurament li hija ma kienetx "skużat ruħha", mentri fl-okkażjoni tal-kawża transatta fl-10 ta' Jannar 1952 kien tniżżel il-verbal li jinsab il-lum eżibit in kopja fol. 7 ta' dan l-inkartament;

L-Imħallef sedenti, wara li kkunsidra l-kwistjoni, jidhirlu li ma jistax jasal għall-konklużjoni li għaliha wasal il-Maġistrat; għal dawn ir-raġunijiet;

1. Skond l-art. 585 Kap. 15, meta tiġi attakkata l-kredibilità tax-xhud (kif ġara f'dan il-każ) bi provi li f'okkażjonijiet oħra hu għamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xhieda tiegħu, u meta (bħal f'dan il-każ) dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu saru "bil-miktub", allura, qabel ma ssirlu ebda mistoqsija fuqhom, dawk id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu murija lix-xhud, biex ikun jista' jgħid jekk verament għamelx dawk id-dikjarazzjonijiet, u jkollu l-opportunità li jispjegahom. Dan l-artikolu, li qiegħed fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, huwa magħmul applikabili għall-proċeduri kriminali bid-dispost espress ta' l-art. 641 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12. Issa ma jirriżulta minn ebda prova li l-verbal fol. 7 ġie muri lill-imputata qabel ma l-P.L. Bonello attakka l-kredibilità tagħha fil-kawża, imbagħad deċiża fit-22 ta' Awissu 1952, biex l-imputata tista' tifhem sewwa liema kienet did-dikjarazzjoni hekk verbalizzata, x'kienu sewwa t-termini tagħha, u sabiex, jekk kien il-każ, tispjega ruħha b'dik id-dikjarazzjoni quddiemha. L-ommissjoni ta' din il-formalità preskritta mill-liġi għandha jkollha l-importanza tagħha;

2. Fix-xhieda tagħha l-lum inkriminata l-imputata ċaħdet li kienet "skużat ruħha". Issa, fil-verbal fol. 7 ma hemmx proprjament li hija "skużat ruħha", imma li "jiddispjaċiha". Id-differenza ma hix, kif wieħed jista' "prima facie" jaħseb, merament ta' kliem. L-Imħallef sedenti jista' jagħti dawl fuq dan il-pont mill-esperjenza tiegħu tal-professjoni legali ormaj ta' qrib l-erbgħa u tletin sena. Infatti, f'dawn ix-xorta ta'

kawżi kriminali ta' inġurja kien jiġri spiss li l-partijiet ikunu nklinati jirranġaw, għax fil-fatt il-kwerelat ikun iddispjaċieh: imma ta' spiss il-kwerelant kien jinsisti li titniżżel dikjarazzjoni fis-sens li l-kwerelat qiegħed "jiskuża ruħu", u l-kwerelat ma kienx ikun irid jaf b'dan, għaliex, partikularment għannies ta' levatura ta' dawk li aktar spiss ikollhom dawn il-kawżi, kienet kunsidrata ħaġa avvilenti li wieħed, kif kienu jgħidu huma, testwalment, "jiddeb ruħu fil-Qorti". Bħala konsegwenza ta' dan l-ostakolu, il-professjonisti ta' allura sabu "modus operandi" biex ineħħu dan l-ostakolu u jiffaċilitaw it-transazzjonijiet; u minflok li kien jitniżżel verbal bil-kliem "il querelato si disdice", jew "il querelato si scusa", ġiet eskoġitata l-frażi "si dichiara dolente dell'accaduto", u għal din il-frażi l-kwerelat ma kienx isib oġġezzjoni, għax verament kien ikun iddispjaċieh, bla però ma jkunx isofri l-affront "li jiddeb ruħu". Għalhekk verament ma hemmx antinomja bejn dak li l-imputata qalet fix-xhieda tagħha nkriminata u bejn il-verbal, għax id-dikjarazzjoni fil-verbal kienet f'sens ta' dispjaċir, imma mhux f'sens ta' skuża; u l-P.L. Bonello staqsa lill-imputata "jekk kienetx skużat ruħha". U dina ċ-ċirkustanza turi kemm kienet importanti, u kemm tista' tkun importanti, l-osservanza tal-formalità ta' l-art. 585; għax kieku ġie mħares dak l-artikolu, l-inċident seta' ġie aktarx evitat;

3. Ma hemmx dubju li verbal tal-Qorti għandu l-forza tiegħu, tant għax ir-Reġistratur tal-Qorti huwa kunsidrat, meta jniżżel verbal, bħala "magister notarius", u anki għax "omnia praesumuntur acta rite et recte". Iżda f'dan il-każ partikulari hemm ċirkustanza fondamentali li tivvulnera dak il-verbal. Infatti l-Avukat Dr. Mifsud, fix-xhieda tiegħu fol. 24 hekk qal :— "Jiena kont difensur ta' l-imputata f'diversi kawżi privati, u jien diversi drabi kont ikkonsultajtha tiskuża ruħha meta kien fl-interess tagħha. Ġie li kont nagħmel hekk minn rajja". Aktar tard, l-istess xhud qal, b'riferenza għall-verbal fuq imsemmi :— "Jien ma nafx x'inkiteb, għalkemm kont preżenti fl-awla. Għandi l-impressjoni li d-dikjarazzjoni ġiet dettata mill-P.L. Bonello";

Issa, l-imputata xehdet f'din il-kawża illi hija ma tafx li d-difensur tagħha kien skuża ruħu għaliha; u mhix ħaġa tal-

għaġeb li ma tafx hija, jekk lanqas kien jaf x'ġie verbalizzat id-difensur tagħha stess, kif stqarr hu fix-xhieda tiegħu fuq stralċjata;

Aktarx jidher li fil-konfużjoni tal-ħafna kawżi li kellhom bejniethom l-imputata u/jew żewġha u Giuseppe Galea u/jew martu, sar dan il-verbal bla ma t-termini tiegħu preċiżi ġew kommunikati lill-imputata, tant li din baqgħet bl-impressjoni li kienet weħlet għaxar xelini, li f'dak il-verbal jissemma bħala s-somma ta' l-onorarju tad-difensur. Ma għandux jintnesa li l-falz jeħtieġ, biex jiġi nkriminat bħala tali, li jiġi attestat "xjentement", u żball jeskludi l-element intenzjonali. Kif josserva l-Carrara (Progr. Parte Speciale, Vol. V, para. 2678), "la falsità del deposto non deve cercarsi nella proposizione affermata dal testimonio, ma nel rapporto fra quella proposizione e lo stato di credenza della mente del testimone";

Dawn it-tliet raġunijiet, kif fuq partikolareġġjati, jinġeneraw fl-animu tal-ġudikant dubju serju, li minħabba fih l-istess ġudikant ma jħossx li jista' jirritjeni lill-imputata ħatja ta' l-addebitu lilha magħmul;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar issentenza appellata, tiddikjara l-imputata mhix ħatja, u tordna li tiġi liberata;